# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 297/2016**

Il-Pulizija

vs

**Gaetano Bonnici**

Iben Cikku, imwieled Birkirkara fl-20 ta' Ottubru, 1957, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 706457(M)

Illum 10 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Gaetano Bonnici quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-ġzejjer, fit-30 ta' Gunju 2015, u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti iżda jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) Wettaq kummerċ bankarju jew ta' ħruġ ta' flus elettroniċi f'Malta jew minn Malta meta ma kienx kumpanija liċenżjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju mill-awtorita kompetenti ai

termini ta' l-artikolu 5 tal-Kapitlu 371 u Avviż Legali 155 ta' l-1999 emendat bl-Avviż Legali 385 ta' 2003;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Ġzejjer, fit-30 ta' Ġunju 2015, u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti iżda jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) Wettaq kummerċ ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta u dan ai termini ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u l-Avviż Legali 357 ta' 2002 emendat bl-Avviż Legali 386 ta' 2003 billi nnegozja fi strumenti ta' swieq finanzjarju kif ukoll fi strumenti oħra finanzjarji li jistgħu jiġu trasferiti;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Ġzejjer, fit-30 ta' Ġunju 2015, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differernti iżda jiksru l-istess depozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) Irċieva mingħand xi ħaddieħor jew kiseb mingħand xi ħaddieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Ġzejjer, fit-30 ta' Ġunju 2015, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti iżda jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda ;

a) Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma għandu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmiss lill-akkużat jew huma propjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-mediċini Perikolużi, Kap 101 Liġijiet ta' Malta ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money

Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li tapplika d-dispozizzjoni ta' l-artikolu 23 (A)(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabeix iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu l-artikolu 5 tal-Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta u Avviż Legali 155 tal-1999 emendat bl-Avviż Legali 385 ta' 2003, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Avviż legali 357 ta' 2002 emendat bl-Avviż Legali 386 ta' 2003, l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal erba' (4) snin u inoltre' kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali ordnat wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha ezebiti inkluż għalhekk l-ammont ta' €5,200. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-imputat għandu xi beni mobbli u/jew immobbli x'jiġu kkonfiskati u għaldaqstant il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri għat-talba tal-prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Astjeniet wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri sabiex tikkundanna lill-ħati għal ħlas tal-ispejjeż tal-esperti billi ma rriżultax li kien hemm nominati xi esperti.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Gaetano Bonnici minnu ppreżentat fis-6 ta' Ġunju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab ħati tal-akkużi kollha kontra tiegħu u tirrevoka in kwantu għall-piena erogata u għall-konfiska tas-somma ta' (€5,200) u minflok tinfliġġi piena aktar mita u idonea.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi huwa minnu li wara ammissjoni huwa ottuż li jiġi intavolat appell.

Illi iżda fil-każ odjern, b'rispett, l-esponenti jħoss illi s-sentenza kienet waħda ħarxa iżżejjed.

Illi peress li sfortunatament fis-sistema tagħna ma teżistix is-sistema ta' sentencing policy, l-esponenti ikollu imur lura għal ġurisprudenza mogħtija b'akkużi simili.

Illi waqt is-smiegħ l-esponenti bi ħsiebu jikkowta ġurisprudenza ta' persuni notorji u vjolenti magħrufa fil-qasam tal-użura, liema persuni ġew ikkundannati ferm u ferm anqas milli dak li ġie kkundannat l-appellanti .

Illi mix-xhieda tas-Supretendent Raymond Aquilina, irriżulta li l-esponenti huwa persuna twajba illi pero f'Birkirkara kien magħruf li jislef ammonti zgħar ta' flus lil xi ħbieb tiegħu.

Illi di piu, mill-istqarrija jidher ċar illi l-esponenti ikkopera immedjatament u irreġistra ammissjoni mill-ewwel.

Illi verament illi l-paraguni huma odjużi, iżda indubbjament il-piena mogħtija lill-esponenti fiċ-ċirkostanzi kienet waħda esaġerat u timmerita li tiġi riformata.

It-Tieni Aggravju

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-ordni ta' konfiska tas-somma ta' €5,200 li ġew eżebiti f'dawn il-atti.

Illi mix-xhieda tal-istess Spettur Raymond Aquilina u anke minn dak li rriżulta fl-istqarrija tal-irnputat, jidher ċar li l-Pulizija qatt ma kellha informazzjoni li dawn il-flus li nstabu fuq l-esponenti kienu b'xi mod konnessi ma' reita'.

Illi inoltre, qabel għamel is-sottomissjonijiet tiegħu fuq il-piena, l-appellanti ittellgħa jixhed limitatament fuq dan il-punt u ta spjega għaliex dawn il-flus kienu fuq il-persuna tiegħu.

Illi fis-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, liema sottomissjonijiet ma jikkostitwux prova imma biss argument, b'mod sleali l-prosekuzzjoni qalet illi dawn il-flus wieħed setgħa jislet inferenza dwar x'kienu qed jagħmlu fuq il-persuna tal-appellanti.

Illi sfortunatament jidher li l-Ewwel Qorti, mingħajr ebda ġustifikazzjoni iżda sempliċiment għaliex imbokkat is-sottomissjoni tal-Pulizija, ordnat ukoll il-konfiska ta' dawn il-flejjes.

Illi bid-dovut rispett ikun verament oltraġġ tal-Ġustizzja illi persuna li tkun akkużata tikkonfiskalha wkoll somma flus sempliċiment għaliex tali persuna ikollha kontriha akkużi ta' natura ekonomiċi.

Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk dawn l-ezebiti m'għandhomx jiġu konfiskati.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat fuq il-piena erogata mill-Ewwel Qorti wara li l-istess appellant ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfronti tiegħu.

**L-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-fatt li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti meta mqabbla ma' dik ta' kawżi oħra simili hija waħda ħarxa żżejjed.**

L-appellant ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfronti tiegħu fit-tieni seduta u meta kienu ħa jibdew jintemgħu l-provi. F'dan ir-rigward l-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 2013 fil-każ Pulizija vs Omissis (Appell Numru 412/2011) f'dan ir-rigward kienet qalet is-segwenti:

*Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi dan kien każ fejn l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fit-tieni seduta, u ċioe` meta kienu se jibdew jinstemgħu l-provi. Fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi* ***min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena*** *li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti talQrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.*

Il-piena imposta mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi u l-multa imposta hija dik fil-minimu skont l-artikolu 298Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju huwa rigward l-konfiska tal-flus li nsabu fuq l-appellant.**

Ili għalkemm l-appellant ammetta l-akkużi fil-konfronti tiegħu, huwa xorta għażel li jixhed rigward l-flus li nstabu fuq il-persuna tiegħu u cioe' dwar il- ħamest elef u mitejn (€5,200) Ewro. Illi fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti Gaetano Bonnici insista li l-flus li nstabu (ħamest elef u mitejn (€5,200) Ewro) fuqu ma għandhom x'jaqsmu xejn ma min kien għamel ir-rapport

dwaru. Infatti jgħid li ma kien ħallsu qatt u li dan għandu reputazzjoni li jitkarrab għal flus u ma jħallas qatt lura. Bħala spjegazzjoni għal dawk l-ammonti ta' flus fuqu huwa jgħid li jħobb jilgħab il-flus u li umbgħad jqassmu l-flus lil xulxin. Inoltre, qal li ommu kienet ittih ħafna flus qabel ma mietet u li għalkemm jgħix ma missieru u ħuh huwa **qatt ma jħalli flus id-dar** u fix-xhieda tiegħu jżid ' ***<u>Jista' jkolli miljun lira għax fil-but inżommhom għax id-dar ma nħallix flus'</u>***… (Fol 85) Huwa ma għandux relazzjoni tajba ma' missieru u ħuħ u li d-dar kemm imur jorqod. Meta mistoqsi kemm kienet tagħtu flus ommu huwa jgħid li ħafna u fi x'ħin mistoqsi biex jikkwantifika ammont huwa jiddikjara '***<u>Issa jekk ngħidlek erba' mitt elf ħa temmini?</u>*** Ommu kienet ilha erbgħa snin mejta u hu dejjem lagħbhom il-flus u li kura għal vizzju tal-logħob qatt ma ħa. Meta reġa' mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar il-ħamest elef jirisspondi: ***<u>Dawk tiegħi għax jien nilgħabhom.</u>***

Tul ix-xhieda tiegħu huwa jinsisti u jikkonferma kemm –il darba li l-flus li kienu fuqu huma tiegħu u mhumiex flus li ġejjin minn ħlasijiet ta' użura.

Din il-Qorti fliet l-atti bir-reqqa u mid-dokumenti preżentati mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li:

a) Mir-risposta ta' Transport Malta ma għandux karozza u anqas xi dgħajsa f'ismu;
b) Mir-risposta mibgħuta lil Prosekuzzjoni mingħand id-dipartiment tat-taxxa jirriżulta li kien ilu ma jkollu forma ta' dħul mis-sena 2011
c) Mir-risposta tas-sigurta' soċjali Fol 66 jirriżulta li minn 1 ta' Jannar, 2010 sal-ġurnata kien qed jieħu pensjoni ta' disabilita' u assistenza medika ta qisu medja ta' xi ħaġa zgħira fuq mitt ewro fil-ġimgħa b'kollox.
d) Tal-ETC ma kellhomx employment history tiegħu;
e) Mal-Malta Stock Exchange plc ma għandu xejn;
f) Mal-banek Mediterranean Bank, Lombard Bank', HSBC; Banif, BOV u APS ma għandu xejn u qatt ma kellu kontijiet. (Jikkonferma dan ukoll hu stess fl-istqarrija tiegħu Fol 33)

Fl-istqarrija tiegħu jikkonferma li qatt ma ħadem pero' li jieħu benefiċċji soċjali għal mard tal-moħħ u li ħuh Philip u ommu kienu tawh 50,000 Ewro f'daqqa meta kienu għadhom ħajjin. Meta mistoqsi fejn iżomm il-flus peress li ma għandux kontijiet bankarji huwa jgħid: '***Jiena l-flus inżommhom dejjem fuqi jew inkun sellifthom lin-nies'*** Huwa inoltre,

jikkonferma li ma għandux permessi uffiċjali li jsellef u li **ilu jsellef fuq l-idejn madwar għaxar snin**.

Jirriżulta li kemm fl-istqarrija u kif ukoll fix-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti huwa jiddikjara li jżomm il-flus fuqu, kontijiet bankarji ma għandux u li ma jafdax flus id-dar. L-ammont li kellu fuqu kienu ammontanti għall- 6,230 Ewro u minnhom tnaqqsu l-ammont li jirċievi bħala għajnuna soċjali. Fir-residenza tal-appellant kienet saret tfittxija u l-ammonti l-oħra misjuba kienu ngħataw lura lil ħuh u lil missieru.

Konsiderando kemm ilu jsellef flus (xi għaxar snin), l-ammont kbir ta' flus li kienu tawh ommu u ħuh (50,000 Ewro), kemm jilgħab, l-fatt li ma għandux kontijiet bankarji u li d-dar ma nstabux iktar flus mis-6,230 Ewro li jappartjenu lilu. Din il-Qorti ma tinstabx moralment konvinta li dawk il-ħamest elef u mitejn u tletin Ewro huma effettivament riżultat tal-użura biss. Il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li huma riżultat minn imgħaxijiet.

Għaldaqstant it-tieni aggravju qed jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Li mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta li qatt ma kellu akkużi li jirrigwardaw użura u li l-provi li resqu l-Prosekuzzjoni u x-xhieda tal-appellant kollha jindikaw li huwa kien iżomm il-flus dejjem fuqu. Huwa stess iddikjara li ma jaħdimx, ma għandux kontijiet bankarji u li l-introjtu tiegħu huwa fil-minimu iżda li wkoll ilu jislef il-flus fuq l-idejn u jitlob imgħax ħafna iktar minn dak indikat mill-liġi. Għalkemm l-ammont li nstab fuqu huwa ammont eċċessiv kemm għall-introjtu regolari tiegħu, minn kliemu, hija xi ħaġa normali għalih li jiġri b'dak l-ammont ta' flus fuqu minħabba l-vizzju tal-logħob.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn kkundannat lil appellant għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' (4) snin u għal ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). Iżda tħassar u tirrevoka l-konfiska tal-ħamest elef u mitejn Ewro (€5,200) li nstabu fuq il-persuna tal-appellant.